MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru 600/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Therese Sciberras**
**vs**
**Jeffrey Cassar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni maghmula kontra Jeffrey Cassar ta' 24 sena iben Leli u Natalie nee' Bugeja mwieled fl-24 ta' Mejju 1984 u residenti Pandora Triq il-Bufula l-Hamra Mosta, ID 258584M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe Bugibba San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Gunju 2008 f'xhin bejn nofsinhar u l-5.00pm kkommetta serq, liema serq huwa ta' valur iktar minn 23 Euro u inqas minn 2300 Euro ghad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz.**

**U iktar talli fid-9 ta' Lulju 2008 f'Bugibba San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn nofsinhar u l-5.00pm ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 715 u PS 214 u ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat li jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet fis-seduta ta' llum tat-22 ta' Gunju 2009 u ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50 , 95, 261(b)(c), 263(a), 267, 280(2) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh izda flok tikkundannah qed tpoggieh that il-harsien ta' Probation Officer ghal zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------